MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1249/2012

**Artikoli 226 u 218 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**RENALD VELLA**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **RENALD VELLA** ta' 29 sena, iben Natalino u Antoinette xebba Pace, imwieled il-Pieta' nhar il-14 ta' Awwissu, 1983 u residenti 19, 'Dallas', Triq Vlontin, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 413083 (M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1) fit-12 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tas-2.00pm, waqt li kien ghaddej bil-vettura bil-mutur u cioe (mobile conveyor belt) bin-numru tar-registrazzjoni CB 452 gewwa dawn il-gzejjer u cioe' gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta Park 9 Bay 12, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Leo-Carm Darmanin ID 92276(M) hekk kif iccertifika Dr. Chris Zammit MD tal-isptar Mater Dei, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti

fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn,

2)fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabeix f’kaz ta’ htija tordna l-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan kollha tal-imputat ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. VA 1 a fol. 6, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. VA 2 a fol. 7 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Novembru, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. VA 3 a fol. 8.

Illi nhar l-14 ta' Mejju, 2013 xehed l-**Ispettur Victor Aquilina** u spjega li fit-tnax (12) ta' Ottubru, tal-elfejn u tnax (2012) ghall-habta tas- saghtejn u ghaxra (2:10) il-Pulizija tal-Airport gew infurmati li kien hemm incident gol-Airfield taht fejn kien hemm ipparkjat KM 397, li jigi Apron 9, Bay 12. Fil-fatt hu flimkien mas-Surgent 1326

marru fuq il-post fejn hemmhekk raw persuna mitluqa mal-art li kienet qed tghajjat bl-ugiegh. Hemm is-Surgent fil-fatt dak il-hin kellem lil Mr Vella li gharfu fl-Awla bhala l-imputat fejn x'hin staqsieh x'kien gara huwa qal li kien qieghed isuq Conveyor Belt. Kien qed isuq u ra lill-vittma li f'hin minnhom il-vittma ghamel pass lura bil-konsegwenza li laqtu u baqa' ghaddej minn fuq saqajh. Hemmhekk fuq il-post mar ukoll it-tabib tal-airport Doctor Anthony Williams fejn wara li ra lil Leo Carm Darmanin li huwa l-vittma lahqet giet l-ambulanza u hadet lil dan Leo Carm Darmanin gewwa l-isptar Mater Dei fejn hemmhekk gie nvistat minn Dr. Chris Zammit Registration 3241 li hemm iccertifika lill-istess Darmanin li kien qed ibghati minn griehi serji.

Fil-fatt fis-16 ta' Ottubru, 2012 il-Pulizija kellha c-cans titkellem mas-Sur Darmanin fejn is-Sur Darmanin qal li hu kien qed jimxi fuq Apron 9 Bay 12 u f'hin minnhom waqaf u x'hin dar kien ghaddej Mobile Conveyor Belt, laqtu waqa' u baqa' ghaddej minn fuq saqajh. Waqt li kienu fuq il-post il-Pulizija ukoll kellmet lil Mr Brincat li kien qed jaghti l-fuel lill-istess ajruplan fejn qal li f'hin minnhom sema' ghajjat u x'hin dar ra lil Darmanin mal-art. Xtaq jghid ukoll li dak il-hin kien hemm il-cameras qeghdin fuq l-incident u ghalhekk se jkun hemm kopja tal-incident ezatt kif sehh. F'dan l-istadju pprezenta certifikat mahrug minn Dr. Chris Zammit fejn fuqu jidher li ccertifika li Darmanin kien qed ibghati minn griehi serji. Dan ic-certifikat gie esebit bhala Dok. VA 4. Spjega li ma kienx hemm tehid ta' statement. Esebixxa kopja tal-filmat li semma' fix-xhieda tieghu

fejn juri l-incident kif sehh bhala Dok. VA 5. Dan il-filmat gie migbud mill-cameras tal-Airport u spjega li deherlu li gie mghoddi lilu mis-Security Simon Grima.

Illi nhar l-14 ta' Mejju, 2013 xehed **Leo Darmanin** u spjega li huwa jahdem l-Airport xufier propja, mal-Airmalta. Fit-tnax (12) ta' Ottubru, tal-elfejn u tnax (2012) kien wara nofsinhar u hu kien imghallem dakinhar. Kien hemm il-Conveyor Belt u hu u sejjer biex jara il-parti ta' wara jekk ma fadalx xoghol f'daqqa wahda hass ir-rota tiela' fuq siequ u daqshekk ma jafx x'gara. Dak il-hin kien wahdu. Mistoqsi jekk x'hin hass il-*Conveyor Belt* ghamilx xi manuvra qabel jew jekk rahx gej il-*Conveyor Belt* wiegeb li ma ndunax. Spjega li wara li hass il-Conveyor Belt tiela' fuq siequ hassu mejjet bl-ugiegh u ma jafx x'gara sew.

Huwa ntilef minn sensih bl-ugiegh. Imbaghad rega' gie f'sensih malajr u kullhadd dar mieghu u baqa' hemmhekk mimdud mal-art. Ma ftakarx x'kien il-flight u jaf li kienu fuq in-naha ta' barra xi Bay 11 dawk l-inhawi. Pero' ma jafx fejn kien sew ezatti. Qaghad jistenna l-ambulanza u mar it-tabib ukoll sakemm marret l-ambulanza tah l-injection. U mbaghad telaq fl-ambulanza u haduh Mater Dei u fejn hemmhekk ghamel hames (5) t'ijiem. Hemmhekk qalulu li kellu l-wicc ta' siequ mifqugh. Illum ghadu jbghati minn siequ ghax ma gietux mija fil-mija siequ. Huwa ghadu ma dahalx lura ghax-xoghol u ghadu jinghata l-kura. Imur l-isptar l-Outpatient.

Mistoqsi jekk jafx l-imputat qal iva u li dakinhar rah u mar hdejh. Spjega li beda jkellmu qallu li kollox jaf  u li qallu kollox allright imma peress li kien mugugh ma jafx x'qallu aktar. Hu qallu biex ma jhabbilx rasu u hekk. Jaf li jahdem bhala xufier mal-Airmalta.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **PC 1326 Roy Sciberras** fejn spjega li fit-tnax (12) ta' Ottubru, tas-sena li ghaddiet kien qieghed xoghol gewwa l-ghassa tal-Airport, fejn cempillu PS 1277 Herman Spiteri fejn kien qed jaghmel *extra duty* ma' ajruplan ma' genb fejn kien gara l-incident. Kien qallu li kien hemm xi hadd illi wegggha go bay 12, li jigi quddiem it-terminal. Meta mar fuq il-post sab lil Renald Vella li kien qallu li kien ghadu kif gara ncident fejn bi zball rifes saqajn wiehed li kien ghaddej vicin waqt li kien isuq cinga minn dawk li jghabbu l-bagalji fuqhom, *conveyor belt*. Huwa gharaf lil Renald Vella gol-Awla u ndikah bhala l-imputat.

Spjega li kellem ukoll lill-vittma, lil Darmanin fejn qallu li kien ghaddej, kien qallu li kien qed jitkellem fuq ir-radio u qallu li f'daqqa wahda ghadda dan il-conveyor minn warajh u rifislu saqajh. Kien mar jara c-CCTV recording ukoll u deher jigifieri mir-recording, deher jigifieri li ghadda minn mieghu u Darmanin jaqa' mal-art. Hekk haseb. U mbaghad mar il-Mater Dei fejn ra li Darmanin gie certifikat minn medici l-Isptar.  Huwa  esebixxa l-okkorenza li giet immarkata bhala Dok. RS 1 u spjega li dik l-okkorenza ffirmaha hu izda giet imdahhla mill-orderly imma ddettaha hu.

L-istess xhud in kontro ezami spjega illi l-vittma qallu li waqt li ntlaqat kien qed jitkellem fuq ir-radio. Mistoqsi jekk allura x-xufier huwiex l-akkuzat wiegeb iva. Mistoqsi jekk meta qal "*he made a step backwards*" jekk kienx qed jirreferi ghall-vittma wiegeb li iva ghall-vittma x'kien qallu l-vittma. Hu kien irrefera ghall-vittma li dak il-hin kien qieghed fuq ir-radio jitkellem u spjega li hu ma rahx imma x'kien qallu hu (sottolinear tal-Qorti). Spjega li x-xufier kien qallu li l-vittma  kien ghaddej minn warajh u  li kien bir-radio dak il-hin ghamel pass lura u per konsegwenza ta' hekk laqtu.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **Simon Grima** u spjega li huwa jahdem l-MIA bhala administrator tas-security. Fit-tnax (12) ta' Ottubru, tas-sena l-ohra jimmagina li kien bil-gurnata izda ma ftakarx bl-ezatt. Ftakar li sar incident fuq park 9 u gie mitlub mill-Pulizija biex jaghmel ir-recordings tas-CCTV. Huwa ma rax ir-recording tas-CCTV imma nizlu mis-sistema kif gie mitlub jaghmel. Spjega li ma setghax jghid jekk Dok. BA 5 li hija CD tas-CCTV li giet mghoddija lill-Pulizija hux dik li ghaddilhom hu ghax il-kitba ma kinitx tieghu. Hu spjega li l-filmati ma jarahomx kemm gie mitlub mill-Pulizija x'ghandhom bzonn u tahulhom. Mistoqsi jekk jafx li ma deher xejn fihom hu spjega li ma jafx u huwa ghamel ir-recordings ta' park  9 stand 12. Hu spjega li s'hemm jaf.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **David Borg** u spjega illi jahdem mal-Airmalta u l-pozizzjoni tieghu kienet security. Huwa spjega li gie

mitlub fit-tahrika jiddikjara jekk Ronald Vella u Leo Darmanin jahdmux mal-Airmalta u d-duty taghhom fit-tnax (12) ta' Ottubru, elfejn u tnax (2012) x'kienet u min kien saq il-vettura numru CB452. Huwa spjega li Ronald Vella huwa staff u ghandu n-number 5349 id-duty tieghu kienet minn nofsinhar sal-hamsa. Leo Darmanin id-duty tieghu kienet mill-hdax sat-tmienja u kwart. Skond ir-roster ir-records li kellhom huma dawk kienu t-tnejn li huma *on duty*. Dawk it-tnejn jahdmu maghhom u skond l-*employee accident report* is-Sur Vella kien iddikjara ukoll li kien qed isuq il-vettura. Mistoqsi jekk jaghrafx lis-Sur Vella fl-Awla spjega li ma jafux personali. Il-vettura li kien saq kienet CB452 *conveyor belt*.

Illi nhar it-13 ta' Novembru, 2013 xehed **Dr. Christian Zammit M.D.** u spjega li dakinhar tal-hmistax (15) ta' Mejju ta' dik is-sena kien gie esebit certifikat mediku ta' xi *injuries* li kien garrab is-Sur Leo Carmel Darmanin u fil-fatt kien hareg hu. Huwa kkonferma li Dok. VA 4 a fol. 12 tal-atti processwali huwa minnu rilaxxat u kkonferma li gharaf il-firma tieghu fuqu. Ikkonferma ukoll il-konkluzjonijiet raggunti minnu f'dak ic-certifikat u spjega li kien ezamina lil Darmanin Leo Carm nhar it-tletta (13) ta' Ottubru, 2012 ghad-disgha u nofs ta' filghaxija fl-isptar Mater Dei fid-dipartiment tal-Emergenza. Huwa kellu xi *injury* f'saqajh ix-xellugija u minn X Rays irrizulta li kien hemm ksur ta' parti ta' ghadma l-*cuboid bone* fis-sieq ix-xellugija ta' dak il-pazjent. Minhabba li kien hemm dak il-ksur l-*injuries* kienu gravi.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta Assenjazzjoni mis-Sinjorija tieghu il-Prim Imhallef b'digriet appozitu datat 21 ta' April, 2014.

Ili din il-Qorti appuntat il-kawza sabiex tinstema' quddiema ghal nhar it-2 ta' Mejju, 2014 sabiex tara jekk il-partijiet kienux ser jezentawha mill-htiega li terga' tisma' ix-xhieda mill-gdid u fl-eventwalita' li l-partijiet m'ghandhomx oggezzjoni jigi registrat progress.

Illi dakinhar tat-2 ta' Mejju, 2014 dehru l-imputat asistit mill-avukat difensur tieghu u l-ufficjal prosekutur li ddikjaraw li kull ma kien fadal kien li jixhed l-konvenut peress li xtaq jispjega dak li kien gara.

L-imputat **Renald Vella** xehed dak inhar stess tat-2 ta' Mejju, 2014 u spjega s-segwenti. Ikkonferma li huwa jahdem gewwa l-Ajruport mal-Airmalta u l-allegat vittma Lino Carm Darmanin huwa habib tieghu u jahdem mieghu. Spjega li dakinhar tat-12 ta' Ottubru, 2012 huwa flimkien ma' Lino Carm Darmanin kienu qed jahdmu flimkien ihottu ajruplan. Jghid li ghall-ewwel bdew ihottu l-parti ta' wara tal-ajruplan u wara bdew ihottu l-parti ta' quddiem. Jghid li huwa kien qed isuq l-*conveyor belt* u kien mixi bih meta fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm trakk tal-*fuel*. Darmanin kien mixi ma' genbu fuq saqajh fuq in-naha tal-lemin tieghu. Jaf li f'idejh kellu *radio* u xi karti u f'xi hin resaq lura lejh. Qal li l-*conveyor belt* ghandha r-roti taghha

mghottija bil-hadid u ghalhekk ma jkunx jista' jirfes lil dak li jkun jekk dak li jkun ma jkunx dahhal hu saqajh u dan ghaliex il-hadida hija mahruga l-barra.

Jghid li f'xi hin taruhulu xi karti min idejh u huwa waqaf f'daqqa pero' lahaq rifislu saqajh xi ftit. Kien accident u sussegwentement mar hdejh biex itih assistenza u jara x'kellu bzonn. Giet l-ambulanza u haditu l-isptar. Spjega li kemm hu kif ukoll l-vittma ghadhom jahdmu flimkien l-Airmalta.

Fl-istess seduta tat-2 ta Mejju, 2014 id-difiza stqarret li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-partijiet ghalhekk ittrattaw il-kaz u talbu li jibqa' ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti minnufih rat id-DVD esebit f'dawn l-atti dok VA 5 esebit mill-Ispettur Vitor Aquilina u dan bil-ghan sabiex tara kif allegatament sehh l-incident mertu tal-kawza. Jidher fid-DVD li kien persuna li kienet qed isuq *conveyor belt* u dan kien irriversja f'xi hin u wara kien miexi dritt lejn trakk tal-*fuel* meta fuq ix-xellug kien hemm persuna presumilment kien il-vittma li intlaqat u spicca ferut. Ma jidhirx minn ezami ta' dan id-DVD li effettivament is-sewwieq tal-*conveyor belt* kien qed isuq b'xi sewqan eccessiv u jidher ukoll li fl-akwati kien hemm hafna attivita' ghadejja, sewqan ta' karozzi,

*trucks*, *conveyor belt*, van igorr il-kabini bil-bagalji u xi xarabank li jggorr il-passigieri. Fil-vicin proprju dak il-hin kien hemm ukoll ajruplan li kien miexi u ghalhekk l-attenzjoni rikjesta kemm ghas-sewwieqa tal-ingenji li qed isuqu fuq il-mitjar kif ukoll tan-nies pajzana li jkunu fil-vicinanzi ghandha tkun masicca.

Illi principalment l-imputat huwa akkuzat talli minhabba s-sewqan traskurat, negligenti u nuqqas ta’ tharis fir-regolamenti tat-traffiku kkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carm Lino Darmanin, liema ferita ma hiex kontestata in kwantu ghall-gravita’ taghha. Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. [vide Appell Kriminali - Kol. Vol. XLIV/892 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Spiteri**].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddpartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-

kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.

L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:

> *"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a *proper look out* ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik

il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide **Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia** - Vol. XXXIII - pg. 968]

Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' *"in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant"*. [**Davies** f'**Law of Road Traffic** citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Cassar Desain** deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).

X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku.

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq

skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. *la volontarieta dell'atto;*
2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3 *la possibilita di prevedere.*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud,** il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"**Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** [*reckless driving*] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu

minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji’.

**Sewqan perikoluz** [*dangerous driving*] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita’ tal-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta’ sewqan, f’liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ai finijiet ta’ piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f’dak ta’ sewqan bla kont u f’dawk ta’ sewqan perikoluz.” *(vide* **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain,** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta’ Mejju, 1950*).”*

Illi wara li l-Qorti ghamlet sintezi qasira dwar l-posizzjoni legali, thoss li ghandha tirrileva l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni, u dawn jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi nhar it-12 ta’ Ottubru, 2012 l-imputat kien qed isuq *Conveyor Belt* fil-mitjar u kien qed jirriversja meta l-vittma ntlaqat bil-*conveyor belt* u spicca mal-art ferut.

2. Jidher li dak il-hin l-vittma kellu xi karti f'idejh u dawn tarulu minn idejgh.
3. Jidher li l-imputat ma kienx qed isuq bi speed partikolari kif jidher mill-filmat muri bid-DVD.
4. Illi fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident kien hemm hafna traffiku ta' kull generu ghaddej u cioe', *conveyor belt, vanettes* igorru l passigieri, *mini moke* jgorr il-kabini tal-bagalji, ajruplan mixi bil-mod *ready for takeoff* u diversi nies jahdmu.
5. Illi ghalhekk fl-akwati kien hemm hafna distrazzjonijiet.
6. Il-*conveyor belt* verament ghandha l-hadid fuq ir-rota bhala *cover* kif spjega l-imputat fix-xhieda tieghu u ghalhekk jekk tkun vicin taghha r-rota taghha ma tistax tolqtok jekk ma tpoggix il-pala l-gewwa mill-hadid kif donnu gara f'dan il-kaz.
7. Jidher ukoll li ftit qabel l-incident il-vittma kien miexi b'lura bir-radio f'idu u fil-fatt ma tantx kien f'posizzjoni li jispjega l-intier tal-incident.
8. Bhala rizulat u mhux kontestat il-vittma sofra feriti ta' natura gravi kif certifikati minn Dr Chris Zammit.

Issa, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar it-tnax ta' Frar, 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Grima** fejn saret wkoll referenza ghal zewg sentenzi ohra decizi mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Abela** deciza nhar il-hdax ta' Lulju, 2002 u **Il-Pulizija vs Claudio Camilleri** deciza nhar l-hmistax ta' Novembru, 1996, fejn intqal:

*"Il-fatti – inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti… dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."*

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact,* li johorgu mid-dinamika tal-incident. M'hemmx dubju li l-vittma li kien mixi b'lura bir-radio f'idejgh u b'karti jtiru ma kienx qed izomm *proper look out* fl-ambjenti tant perikoluzi li kien. Illi ma jistax ikun li l-imputat li kien qed isuq *conveyor belt* bil-hadid sporgut 'l barra fuq ir-roti setgha jsuq fuq saqajn il-vittma jekk il-vittma kien kawt u zamm il-boghod minnha. Huwa evidenti li l-vittma kien aljenat u pogga saqajh fit-tragit li kien se jiehu l-imputat.

Di fatti l-vittma f'dan il-kaz *pedestrian*, ghalkemm kellu kull dritt li jkun fil-mitjar, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jiehu hsieb li ma jintlaqatx minn vetturi li kienu fl-akwati jsuqu. Jidher li l-*pedestrian* f'dan il-kaz kien negligenti, pero' dan nonostante ma jassolvix lid-*driver* tal-karozza milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li jinhtieg. Id-*driver* ma jistax jinjora l-presenza fil-vicinanzi tieghu ta' *pedestrians* li minn hin ghall-iehor jaqsmu minn quddiemu. Ghalhekk irid joqghod attent f'kull hin biex jovvja ghall-qsim ta' *pedestrians* minghajr ma jikkaguna ncidenti. L-imputat kellu d-dover bhala *driver* li jzomm "*a proper lookout*" u "*to*

*see what is in plain view"*. (Vide Appell Kriminali datat ghaxra ta' Awissu, 1963 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Vella**).

Infatti gie ritenut wkoll li :

"*min ma jarax dak li ragonevolment kellu jara, jfisser li ma kienx qed jzomm proper lookout*. " (Vide Appell Kriminali dataf sbatax ta' Gunju, 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs J. M. Laferla**).

Il-kuncett ta' *proper lookout* gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-**Qorti Ingliza** fil-kaz **Newhaus N.D. Bastion Insurance Co. Ltd**., (1968) fejn gie ritenut li:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road passing through a built-up area, of the pavements or the side of the road as well."*

Illi ma hemmx dubju kif jirrizulta mis-suespost li dan l-incident kien kawzat minhabba l-imperizja u nuqqas ta’ attenzjoni tal-vittma stess u li ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament hemm xi haga x’ticcensura fis-sewqan tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **Artikoli 226 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------